# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 416/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Darren Debono**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u disghin centezmu (Lm422.90) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta'

mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mil-5 ta’ Marzu, 1999, sa’ l-1 ta’ Ottubru, 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta’ Mejju, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.